MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 327/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**LEO BORG ta’ 28 sena, iben Carmelo u Carmen nee’ Pellicano, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Settembru, 1983, residenti fil-fond numru 10, Mdina Road, Attard, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 511483M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Leo Borg** li gie akkuzat talli nhar is-7 ta’ April, 2006, u matul dawn l-ahhar sitt xhur ta’ qabel din id-data:

a. Biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli nhar is-7 ta' April, 2006:

c. Ittraffika, biegh, qassam, jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat ukoll l-Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll il-Kontro Ordnijiet mahruga taht l-imsemmija Kapijiet.

Rat ukoll li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, pero mibghuta l-imsemmija Kontro Ordinijiet l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti, nonostante l-ammissjoni registrata, xorta ezaminat il-provi prodotti kontra l-imputat. Ma hemmx dubbju mix-xhieda ta' Kirsten Mifsud, Adam Dome u Paul Caruana Turner illi l-imputat kien qed jittraffika fid-droga. Daqstant iehor ma hemmx dubbju li l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija u fuqu, gol-vettura misjuqa minn Mifsud, u anke mohbija fil-garaxx fejn tinzamm l-ghamara, mistier tal-missier.

Illi fil-fatt id-Difiza enfasizzat hafna fit-trattazzjoni taghha fuq dik li ghandha tkun il-piena xierqa li ghandu jircievi l-imputat. F'dan ir-rigward gie mitlub u redatt Pre-Sentencing Report, Dok MFS. In succint gie stabbilit illi l-imputat kellu, meta gie arrestat, problema akuta ta' abbuz tad-droga cannabis, ecstasy u eroina. Skond dan ir-rapport illum l-imputat hareg mill-problema tad-droga. L-imputat tul il-kors ta' dawn il-proceduri anke zamm kuntatt ma' l-Agenzija Caritas.

Illi r-rakkomandazzjonijiet ghalhekk huma ta' piena karcerarja effettiva b'rakkomandazzjoni, stante l-progress li ghamel l-imputat, li Borg jinghata kull ghajnuna necessarja biex ikompli fir-riabilitazzjoni tieghu.

Rat ukoll ghal dan l-iskop ir-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud, Dok MM folio 188. Rat ukoll b'mod partikolari r-relazzjoni redatta mill-espert tekniku Dr. Martin Bajada.

Rat ghalhekk l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 22/1985.

Dwar il-piena, id-Difiza stiednet lil din il-Qorti, tenut kont tal-progress li ghamel l-imputat u taz-zmien li hu gia'

ghamel f'arrest preventiv, illi tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur. Ma' dan il-Prosekuzzjoni ma qablitx. Issa huwa veru li l-imputat ghamel certu progress in kwantu ghall-vizzju li kellu fl-abbuz tad-droga, u f'dan ghandu jibqa' jigi kuraggut u mbutatt billi jsib ghajnuna mill-awtoritajiet kompetenti. L-attenwanti fil-piena b'mod generali hija l-ammisjoni bikrija, f'dan il-kaz in kwantu l-imputat kien ovvjament qed jistenna l-hrug tal-Konto Ordni, ghazel kif kien drittu li jirregistra din wara tali hrug. Taht il-Ligijiet tad-droga, l-akbar attenwant jinkiseb ex lege bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu li hawn mhux applikabbli. Frankament ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem ghala, a kontrarju ta' kawzi ohra simili, ghandha titttratta ma' l-imputat b'mod aktar agevolanti.

Tqis illi l-piena tieghu ghandha tkun wahda karcerarja u dan ghaz-zmien ta' tlett snin. Tikkundannah ukoll illi jhallas il-multa ta' €3,000

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lil imputat ghal hlas ta' l-ispejjez peritali ghall-ammont €849.17

Tordna l-konfiska tad-droga kollha lilha esebita li ggib l-ezebit numru KB123.2007, u d-distruzzjoni ta' l-istess tramite l-Ispizjar Mario Mifsud, kif ukoll dak kollu lilha esebit, cioe' KA166.2006(mobile Samsung), ghajr ghall-vettura appartenenti lil Kristen Mifsud u dokumenti personali ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------